# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Settembru 2016**

**Numru 7**

**Rikors numru 734/09 AL**

**Avukat Dottor Tonio Azzopardi bhala mandatarju specjali ta' Hatra Chama proprio kif ukoll bhala legittima rapprezentanti ta' bintha Muna**

**v.**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors li permezz tieghu l-attur nomine ppremetta:

> "Illi l-esponenti Hatra Chama hija bint Roble Omar Jamar u Adam Hassan Faduma. Hija twieldet f'Mogadishu, Somalia, fl-1984.
>
> "Illi fl-1 ta' Jannar 2003, l-esponenti zzewget lil Mohamed Idriss Abdulkhade. Minnu hija kellha erbat itfal: Abdirahman (male), Sagal (female), Samiya (female) u Muna (female).
>
> "Illi l-esponenti telqet mis-Somalia f'Marzu tas-sena 2008, meta kienet tqila bit-tifla Muna. L-esponenti ghaddiet mill-Ethiopia, Sudan u Libya.

"Illi hija telqet mil-Libya bil-bastiment, flimkien ma' xi 70 persuna ohra, fl-1 ta' Novembru 2008, u welldet lil bintha Muna fuq bastiment fil-jum tat-2 ta' Novembru 2008.

"Illi l-ghada, huma gew trasferiti ghal fuq vapur Russu "*Yelena Shatrova*", li, peress li dawn il-passiggieri ma setghux jigu ttrasferiti ghal fuq lanec tal-Forzi Armati ta' Malta minhabba l-maltemp, saru arrangamenti sabiex jibqa' gej bihom Malta. Il-vapur Russu dahal Pinto Wharf nhar il-5 ta' Novembru 2008 fl-10.05 a.m.. Hawnhekk, l-esponenti Hatra Chama nghatat Police registration number 08AAAA 003, filwaqt li bintha Muna nghatat Police registration number 08AAAA 003a.

"Illi mal-wasla taghhom f'Malta, Hatra Chama applikat ghal *refugee status* nhar il-15 ta' Jannar 2009, hi u bintha Muna gew moghtija protezzjoni sussidjarja Index No. 9038/08.

"Illi f'Lulju 2009 l-esponenti Hatra Chama telqet lejn Franza ma grupp ta' immigranti ohra, u, ghalkemm hija ppruvat tirregistra t-twelid ta' bintha Muna fir-Registru Pubbliku ta' Malta, l-intimat irrifjuta li jaghmel dan.

"Illi l-artikolu 268 tal-Kodici Civili jipprovdi:

> "(1) Ebda haga li hemm fl-artikolu 285 ma jehles lill-missier, jew fin-nuqqas ta' dan, lill-omm it-tarbija mill-obbligu li jaghmlu, fi zmien hamest ijiem minn dak in-nhar li jaslu Malta, id-dikjarazzjoni tal-partikolaritajiet dwar it-twelid tat-tarbija lill-ufficjal illi, skond fejn ikun joqghod il-missier, jew, fin-nuqqas ta' dan, skond fejn tkun toqghod omm it-tarbija, huwa nkarigat mill-kitba ta' l-att ta' twelid; u dak l-ufficjal ghandu, fuq din id-dikjarazzjoni, jghaddi ghall-kitba ta' l-att ta' twelid, kemm-il darba dan ma jkunx ga` sar u gie registrat skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 285".

"Illi minkejja diversi tentattivi mill-Kummissjoni Emigranti u Refugjati kemm mar-Registru Pubbliku kif ukoll mal-Ministeru koncernat, it-talba ta' l-esponenti baqghet tigi kkunsidrata minghajr ma nghatat twegiba ghaliha.

"Illi l-fatt illi l-bastiment li fuqu twieldet it-tarbija Muna ma kienx irregistrat f'Malta huwa assolutament irrilevanti, u din ic-cirkostanza lanqas biss tissemma fl-artikolu 286 tal-Kodici Civili. Ic-cirkostanza jekk it-territorju li fih twieldet it-tarbija huwiex territorju Malti lanqas jissemma fl-artikolu 286 ghaliex hija wkoll irrilevanti. Il-fatt illi l-genituri ta' Muna m'humiex cittadini ta' Malta wkoll huwa irrilevanti ghal din it-talba.

"Illi d-dritt li t-twelid tat-tarbija li tkun twieldet fuq il-bahar jigi rregistrat huwa dritt uman ghaliex it-twelid sehh fuq bastiment li hadd ma jaf fejn huwa rregistrat … u *ghereq*, u ghaliex it-twelid sehh f'territorju mhux

identifikat. Ghalhekk, ir-registrazzjoni ghandha ssir fl-art fejn l-omm u t-tarbija gew imwassla mill-vapur illi salvahom, f'liema art l-omm inghatat protezzjoni sussidjarja. Minbarra li Malta kienet l-art fejn l-omm twasslet bit-tarbija taghha bil-vapur, l-omm inghatat protezzjoni umanitarja mill-istess pajjiz li, skond l-obbligi internazzjonali, kellu jaghtiha kenn. Barra minn hekk, it-twelid ta' Muna 'de facto' ma jistax jigi rregistrat f'pajjiz iehor.

"Illi r-registrazzjoni tat-twelid ta' persuna, bhall-kunjom, iservi biex jidentifika lil persuna fil-hajja privata u familjari taghha. Ghalhekk, il-protezzjoni li generalment tinghata lill-identita` ta' persuna ghandha tinkludi l-ewwel u qabel kollox id-dritt ta' dik il-persuna umana illi t-twelid taghha jigi formalment irregistrat, ghaliex dan iservi biex jaghtiha identita`, status u cittadinanza tal-pajjiz li ghandha dritt ghaliha.

"Ghaldaqstant bhala mandatarju specjali ta' Hatra Chama personalment kif ukoll bhala legittima rapprezentanti ta' bintha Muma, filwaqt li qed jannetti (i) kopja tad-dikjarazzjoni guramentata maghmula mill-omm u tliet persuni ohra li kienu prezenti fuq l-imbarkazzjoni meta twieldet it-tarbija Muna, (ii) kopja ta' gurament moghti lilha fl-Ufficcju ta' l-Avukat Generali, li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tawtorizza u tordna lid-Direttur tar-Registu Pubbliku biex jirregistra t-twelid tat-tarbija Muna, imwielda fuq imbarkazzjoni fit-2 ta' Novembru 2008".

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. "Illi *in limine litis* qed tiġi invokata n-nullità ta' dawn il-proċedimenti għaliex dawn ma ġewx preċeduti minn ittra uffiċjali u/jew protest ġudizzjarju kif jiddisponi l-**Artikolu 460 (1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. "Illi preliminarjament ukoll jingħad li t-talba finali tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors ġuramentat hija inammissibli għaliex din l-Onorabbli Qorti ma tistax tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jirreġistra att tat-twelid partikolari, iżda semmai, din l-Onorabbli Qorti tista' biss tistħarreġ jekk id-deċiżjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ttieħditx entro l-parametri tal-liġi jew le – rimedju li assolutament mhuwiex qiegħed jintalab mir-rikorrenti permezz ta' dawn il-proċeduri istanti;

3. "Illi mingħajr ebda preġudizzju għall-eċċezzjonijiet dilatorji fuq imsemmija, il-mandatarju speċjali jeħtieġ illi jipprova sodisfaċentement anke permezz ta' testijiet xjentifiċi appożiti li l-mandanti tiegħu, Hatra Chama, hija verament omm il-minuri Muna;

4. "Illi dwar il-mertu tal-kawża, bla ħsara għas-suespost, it-talba tar-rikorrenti ma tistax tiġi akkolta u r-reġistrazzjoni tat-twelid tat-tarbija

tar-rikorrenti, bl-isem ta' Muna, xorta waħda ma tistax isseħħ għaliex skont il-liġi tramite l-**Artikolu 239 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, l-uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku f'Malta huwa obbligat li jniżżel biss (a) l-atti kollha tat-twelid li jkun hemm fil-gżira ta' Malta, (b) l-atti ta' twelid ta' konċittadini Maltin magħmul jew reġistrat f'pajjiż barrani minn awtorità kompetenti a tenur tal-**Artikolu 244 tal-Kodiċi Ċivili** u (ċ) l-atti ta' twelid li jseħħu fuq il-baħar fuq bastiment irreġistrat f'Malta, bħala estensjoni tat-territorju Malti, kif isemmi l-**Artikoli 285 tal-Kodiċi Ċivili**;

5. "Illi l-**Artikolu 268 (*recte 286*) tal-Kodiċi Ċivili** waħdu, ċċitat mir-rikorrenti fir-rikors maħluf tiegħu, mhuwiex applikabbli għal każ odjern għaliex dan neċessarjament irid jinqara flimkien mal-**Artikolu 285 tal-istess Kodiċi**. Brevement l-**Artikolu 285** jirregola l-proċedura li għandha tiġi segwita mill-kaptan ta' bastiment u mill-Awtorità Marittima ta' Malta meta titwieled tarbija fuq il-baħar, **fuq bastiment irreġistrat ġewwa Malta**, Imbagħad l-**Artikolu 286** kulma jagħmel huwa li jgħabbi b'responsabbiltà addizzjonali lill-ġenituri tat-tarbija li tkun twieldet fuq il-baħar, li irrispettivament mill-obbligi inkombenti fuq il-kaptan tal-bastiment u fuq l-Awtorità Marittima ta' Malta, l-imsemmija ġenituri xorta waħda għandhom l-oneru li fi żmien ħamest ijiem minn dakinhar li jaslu Malta jmorru l-uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku biex jagħmlu d-dikjarazzjoni tal-partikolaritajiet dwar it-twelid tat-tarbija. Naturalment l-iskop ta' din id-disposizzjoni hija dupliċi, fl-ewwel lok biex il-ġenituri jikkonfermaw il-korrettezza tal-informazzjoni li kienet ġiet mgħoddija mill-Awtorità Marittima ta' Malta u fit-tieni lok biex fl-eventwalità li l-kaptan tal-bastiment ma jaqdix dmirijietu l-ġenituri xorta waħda jkun jistgħu jitolbu r-reġistrazzjoni tat-tarbija tagħhom. Kwindi in riassunt biex ikun applikabbli l-**Artikolu 286** jeħtieġ li qabel xejn ikunu jeżistu ċ-ċirkostanzi ta' twelid kif hemm delinejati fl-**Artikolu 285** u **ċjoé li t-tarbija Muna twieldet fuq il-baħar fuq bastiment irreġistrat f'Malta**. Li kieku l-interpretazzjoni korretta tal-**Artikolu 286** kellha tkun xort'oħra allura din tkun tissarraf f'sitwazzjoni assurda li kull persuna li titwieled fuq vapur tista' tiġi reġistrata Malta mingħajr ebda forma ta' limitazzjoni;

6. "Illi tenut kont dan kollu, fil-każ in desamina, Muna, bint ir-rikorrenti, Hatra Chama, (a) la twieldet fuq bastiment li kien irreġistrat f'Malta kif jitlob l-**Artikolu 285 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, (b) la twieldet fit-territorju tal-gżira ta' Malta kif jiddisponi l-**Artikolu 239 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** u (ċ) fl-aħħar nett la t-tarbija Muna u lanqas il-ġenituri tagħha ma huma konċittadini Maltin b'hekk lanqas ma jista' jsib applikazzjoni l-**Artikolu 244 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. Għaldaqstant in vista tar-raġunijiet imsemmija d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ma jistax jipproċedi bir-reġistrazzjoni tal-att tat-twelid kif mirlub mir-rikorrenti;

7. "Illi bla ħsara għal premess, fi kwalunkwe każ l-**Artikolu 286 tal-Kodiċi Ċivili** ma jistax jiġi użufruwit ukoll għaliex omm it-tarbija

naqset milli tmur ir-Reġistru Pubbliku fi żmien ħamest ijiem kif imsemmi f'dik id-disposizzjoni;

8. "Ill finalment ir-rikorrent lanqas ma jista' jsib rifuġju fl-argument li t-twelid ta' Muna ma jistax jiġi reġistrat f'pajjiż ieħor għax fil-verità din tista' tiġi reġistrata fis-Somalja bħala wild ċittadina Somala, fil-Libja għaliex x'aktarx it-tarbija twieldet fl-ibħra territorjali Libjani u kif ukoll fil-pajjiż ta' reġistrazzjoni tal-bastiment fejn twieldet;

9. "Salv eċċezzjonijiet ulterjuri".

Rat il-verbali u l-atti tal-kawza fosthom id-deposizzjonijiet;

Rat is-sentenza appellata moghtija fl-20 ta' April 2012, li in parti taqra hekk:

"Il-fatti tal-kaz u l-provi migjuba quddiem din il-Qorti

"Illi jirrizulta li l-attrici Hatra Chama, mart Mohamed Idriss Abdulkhade, waqt li kienet tqila, telqet mil-Libja, flimkien ma' xi sebghin persuna ohra. Waqt li kienet fuq bastiment li dwaru m'huma maghrufa ebda dettalji, l-attrici welldet it-tarbija taghha, Muna. Sussegwentement, ir-rikorrenti, flimkien ma' numru ta' persuni ohra, gew trasferiti ghal fuq vapur iehor bl-isem 'Yelena Shatrova' li baqa' gej Malta *stante* li dawn l-istess persuni ma setghux jigu trasferiti ghal fuq il-lanec tal-Forzi Armati minhabba l-maltemp. Mal-wasla taghha Malta, l-attrici inghatat protezzjoni sussidjarja[1] ghaliha nnifisha u ghat-tarbija Muna. Sussegwentement, l-attrici telqet lejn Franza ma' grupp ta' immigranti ohra u ghalkemm ippruvat tirregistra t-twelid tat-tarbija hawn Mala, tali registrazzjoni giet rifjutata.

"**<u>Dwar l-ewwel eccezzjoni, u cioe' n-nullita tal-procediment billi ma hemmx ittra ufficjali u/jew protest gudizzjarju kif jiddisponi Artikolu 460(1) kap 12.</u>**

"Illi din l-ewwel eccezzjoni giet irtirata permezz ta' nota prezentata mill-konvenut nhar id-9 ta' Novembru 2009[2] u ghalhekk, din il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess eccezzjoni;

---

[1] Kif tirrizulta mid-dokument esebit a fol 3 tal-process

[2] Ara a fol 37 tal-process

"**<u>Dwar it-tieni eccezzjoni, cioe' l-inammissibilita' tat-talba fis-sens li l-Qorti ma tistax tordna lid-direttur tar-registru pubbliku jirregistra twelid partikolari izda tista' biss tistharreg jekk id-decizjoni tad-direttur konvenut ttehditx entro l-parametri tal-ligi jew le (liema rimedju m'huwiex qieghed jintalab mill-attur nomine.</u>**

"Ikkunsidrat :

"Illi il-Qorti fl-ewwel lok tinnota li huwa minnu li t-talbiet attrici ma jinkludux talba specifika sabiex jigi deciz jekk id-direttur konvenut hax id-decizjoni tieghu li jirrifjuta li jirregistra t-twelid tat-tarbija entro l-parametri tal-ligi jew le u ghalhekk, f'dan ir-rigward, taqbel mas-sottomissjoni tal-istess direttur konvenut f'dan ir-rigward. Jifdal allura lill-Qorti sabiex tiddeciedi jekk it-talbiet attrici minnhom nnifishom u kif dedotti humiex ammissibbli.

"Illi id-direttur konvenut jaghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Reginald Fava pro et noe vs Supretendent tas-Sahha Pubblika**[3] fejn gie ritenut li "***l-ligi tvesti diskrezzjoni f'xi awtorita', hija dik l-awtorita' li trid tuza dik id-diskrezzjoni u tiehu d-decizjoni; jekk id-decizjoni li tittiehed tigi mhassra, il-kwistjoni tigi rimessa mill-gdid lill-awtorita' biex dik tiehu d-decizjoni taghha kif suppost u fit-terminu tal-kunsiderazzjonijiet kollha rilevanti. Jekk l-awtorita' ma tiehux decizjoni tista' tigi mgieghla taghmel dan, u jista' jigi indikat lilha li r-ragunijiet ghaliex kienet qed tittituba milli tiehu decizjoni ma kienux rilevanti; pero', finalment hija dik l-awtorita' li trid tiehu d-decizjoni, mhux il-Qorti***".

"Izda din il-Qorti, taghmel referenza ghal Artikolu 253(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

> "***Kull persuna tista' taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet jew thassir ta' registrazzjoni jew ghar-registrazzjoni ta' att illi d-Direttur, bil-kunsens ta' wiehed mill-Vizitaturi ta' l-atti nutarili, ikun irrifjuta li jircievi***".

"Illi ghalhekk mill-qari tal-istess Artikolu, jirrizulta bl-aktar mod car li t-talba attrici hi ammissibli skond il-ligi ghaliex kien l-istess legislatur li ta l-fakulta lil kull min ghandu interess sabiex jattakka n-nuqqas ta' registrazzjoni tal-att (bhal fil-kaz in ezami) b'talba gudizzjarja. Ghaldaqstant, il-Qorti qieghda tichad it-tieni eccezzjoni tad-direttur konvenut.

"**<u>Dwar it-tielet eccezzjoni, u cioe' dik relatata mal-provi xjentifiki li juru li Hatra Chama hija verament omm il-minuri Muna</u>**

[3] Deciza nhar il-11 ta' Mejju 2010 mill-Qorti tal-Appell

"Illi dwar din l-eccezzjoni il-Qorti tirrileva li huwa minnu li ma ngabet ebda prova xjentifika li permezz taghha gie pruvat illi l-attrici hija tassew omm it-tarbija Muna. Il-Qorti ghandha quddiemha biss dikjarazzjoni mill-istess attrici maghmula fil-prezenza ta' zewg xhieda[4], kif ukoll id-dikjarazzjoni guramentata li permezz taghhom l-attrici tikkontendi li hija omm it-tarbija. Izda fid-dawl tan-nuqqas ta' prova xjentifika dwar l-istess, il-Qorti qieghda tilqa' din it-tielet eccezzjoni;

"**Dwar ir-raba' eccezzjoni, u cioe' li r-registrazzjoni tat-twelid tat-tarbija Muna ma tistax issir minhabba Artikolu 239 tal-Kap 16**

"Illi id-direttur konvenut jibbaza din ir-raba' eccezzjoni tieghu fuq l-Artikolu 239 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

> "***Fl-uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku f'Malta għandhom jitniżżlu l-atti kollha tat-twelid, taż-żwieġ u tal-mewt li jkun hemm fil-gżira ta' Malta, kif ukoll l-atti msemmijin fl-artikoli 244 u 285; u fl-uffiċċju tar-Reġi st ru Pubbl iku f 'Għawdex għandhom jitniżżlu l-atti tat-twelid, ta' ż-żwieġ, u tal-mewt li jkun hemm fil-gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna***".

"Illi il-Qorti tirrileva li l-artikolu hawn citat huwa car, fis-sens li jitkellem fuq atti li jkun hemm fil-gzira ta' Malta u jsemmi wkoll dawk l-istanzi kontemplati fl-artikolu 244 (liema artikolu jirrigwarda atti ta' cittadini Maltin maghmulin jew registrati minn awtorita' kompetenti f'pajjiz barrani) u fl-285 tal-Kap. 16 (liema artikolu jirrigwarda twelid fuq il-bahar, fuq bastiment irregistrat f'Malta). Mill-qari tat-tliet artikoli msemmija (u dan *stante* li hekk kif ser jintqal aktar 'il quddiem, l-artikoli msemmija ma jistghux jigu interpretati f'vacuum legali izda ghandhom jigu interpretati fid-dawl tal-istess artikoli konnessi), jirrizulta bl-aktar mod car li r-registrazzjoni tal-atti fir-registru pubbliku jirrigwardaw atti li jew gew registrati f'pajjizi ohra imma li huma ta' cittadini Maltin, jew huma atti tal-gzira Maltija jew it-territorju taghha. L-artikoli citati ma jaghtu ebda tip ta' eccezzjoni ghal dawn l-atti u ghalhekk, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' r-raba' eccezzjoni tad-direttur konvenut u tiddikjara li d-direttur konvenut huwa prekluz milli jaccetta r-registrazzjoni tat-twelid tat-tarbija Muna, *stante* li din m'hijiex kontemplata fil-ligi taghna;

"**Dwar il-hames eccezzjoni, u cioe' li l-artikolu 286 irid jinqara mal-artikolu 285 tal-kap 16**

"Il-Qorti, taghmel referenza ghal Artikolu 285 tal-Kap. 16 li jsegwi hekk:

> "***Meta titwieled tarbija fuq il-baħar, fuq bastiment irreġistrat f'Malta, il-kaptan għandu, fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa,***

[4] Ara a fol 8 tal-process

> ***inizżel fil-ġurnal ta' abbord nota ta' dan it-twelid u tal-partikolaritajiet meħtieġa taħt l-artikoli 278, 279, 280 u 283***"

"Filwaqt li l-Artikolu 286 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

> "***Ebda ħaġa li hemm fl-artikolu 285 ma jeħles lill-missier, jew fin-nuqqas ta' dan, lill-omm it-tarbija, mill-obbligu li jagħmlu, fi żmien ħamest ijiem minn dak in-nhar li jaslu Malta, id-dikjarazzjoni tal-partikolaritajiet dwar it-twelid tat-tarbija lill-uffiċjal illi, skont fejn ikun joqgħod il-missier, jew, fin-nuqqas ta' dan, skont fejn tkun toqgħod omm it-tarbija, huwa nkarigat mill-kitba tal-att ta' twelid; u dak l-uffiċjal għandu, fuq din id-dikjarazzjoni, jgħaddi għall-kitba tal-att ta' twelid, kemm-il darba dan ma jkunx ġa sar u ġie reġistrat skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 285***".

"Illi b'referenza ghall-artikoli citati hawn fuq, il-Qorti fl-ewwel lok tikkontendi li huwa minnu dak li jsostni d-direttur konvenut, u cioe' li z-zewg artikoli ghandhom jinqraw kontestwalment u dan mhux biss ghax id-disposizzjonijiet innifishom iduru fuq l-aspett ta' twelid fuq bastiment izda wkoll ghax il-legislatur kien esplicitu fl-intenzjoni tieghu meta qal li dak kollu citat f'Artikolu 285 m'ghandu bl-ebda mod ifisser li l-genituri jigu ezentati mir-responsabbilitajiet taghhom relatati mar-registrazzjoni tat-twelid tat-tarbija taghhom. Anzi, jidher car li mill-qari taz-zewgt artikoli, jirrizulta li l-legislatur impona l-obbligi ghal tali registrazzjoni mhux biss fuq il-genituri tat-tarbija, izda inkluda wkoll obbligi fuq il-kaptan.

"Illi min-naha taghha l-attrici tikkontendi li l-argument migjub mid-direttur konvenut relatat mat-territorju Malti huwa irrilevanti u dan *stante* li lanqas biss jissemma f'Artikolu 286 tal-Kap. 16. Il-Qorti ma taqbel xejn ma din is-sottomissjoni, *stante* li kif diga' gie rilevat aktar 'il fuq, l-Artikoli citati huma konnessi b'tali mod li huwa necessarju li wiehed jaqra z-zewg artikoli sabiex jifhem l-intenzjoni tal-legislatur. Il-qari ta' xi wiehed jew wahda mill-artikoli ad eskluzjoni tal-artikolu l-iehor jista' iwassal ghal konkluzjonijiet li ma kienux intenzjonati mil-legislatur.

"Illi gialadarba il-Qorti thoss li z-zewg artikoli huma konnessi u ghandhom jinqraw fid-dawl ta' xulxin, il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-attrici ma tistax tinvoka dan id-dritt li qieghda tikkontendi illi ghandha *ai termini* tal-Artikolu 286 tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta, billi hija ma tissodisfax il-ligi taht l-ebda kriterju. Ghalhekk d-decizzjoni tad-direttur tar-registru pubbliku hija korretta meta huwa rrifjuta li jirregistra lill-imsemmija tarbija, li se mai tista tigi registrata fl-Italia billi kienet f'ibhra territorjali Taljani meta twieldet, jew fis-Somalja billi hi wild Somali. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda tilqa' l-hames eccezzjoni tad-direttur konvenut;

"**<u>Illi dwar is-sitt eccezzjoni, u cioe' li t-tarbija Muna ma twielditx fuq bastiment registrat Malta jew f'territorju tal-Gzira ta' Malta,</u>**

**m'ghandiex genituri Maltin u ghalhekk la Artikolu 285, 239 u 244 tal-Kap 16 ma jistghux japplikaw.**

"Il-Qorti taghmel referenza ghax-xiehda ta' Mario Ellul, *manager* fis-sezzjoni tan-notifiki fi hdan ir-Registru Pubbliku, fejn b'referenza ghal numru ta' dokumenti forniti mill-Forzi Armati, jirrizulta li t-twelid tat-tarbija "***ma kienitx fit-territorju Malti***", tant li mill-korrispondenza permezz tal-*emails* li l-istess xhud ipprezenta (ara Dok. ME1 – ME3)[5] jidher li t-tarbija twieldet fl-ibhra ta' Lampedusa u mhux f'territorju Malti. Ix-xhud, fuq mistoqsija diretta tal-Qorti "***inti ma tistax tirregistraha lil din it-tarbija?***" jghid li "***jekk m'ghandix verifika li twieldet Malta fuq vapur bil-bandiera Maltija l-ligi ma ttinix***"[6]. Il-Kaptan James L. Grech jikkonferma wkoll li t-tieni dghajsa in kwistjoni u cioe' Yelena Shatrova' kienet "***dsatax–il mil 'il boghod minn Lampedusa u sebghin mil 'il boghod minn Malta***" u ghalhekk, jirrizulta li gialadarba t-tarbija twieldet jumejn qabel ma giet intercettata tali dghajsa msemmija, allura dan necessarjament ifisser li d-dghajsa li twieldet fuqha t-tarbija kienet aktar 'il boghod mis-sebghin mil imsemmija mill-Kaptan James L. Grech u konsegwentement, dan ma kienx fl-ibhra Maltin. Tant hu hekk, li mill-*email* esebita mill-Kaptan imsemmi[7] jirrizulta li RCC Malta "***replied that……rescued persons should be disembarked at the nearest safe port which was Lampedusa***"[8].

"Illi il-Qorti taghmel referenza ghac-certifikat ta' twelid esebit mill-attrici[9] u li juri li d-direttur konvenut irregistra t-twelid ta' tarbija li twieldet fl-ibhra Awstraljani fuq bastiment ta' nazzjonalita' Taljana u li l-genituri taghha kienu Maltin, u tirrileva li fil-kaz odjern, precizament bhal ma argumenta d-direttur konvenut fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2010[10] u b'referenza ghall-artikoli citati aktar 'il fuq, dan kien possibbli biss ghaliex il-genituri ta' dik it-tarbijia kienu Maltin. Fil-kaz odjern, il-genituri tat-tarbija m'humiex Maltin u ma tirrizulta ebda konnessjoni ma' Malta hlief li kienet Malta li tathom il-protezzjoni necessarja. Ghalhekk, il-Qorti qieghda tilqa' s-sitt eccezzjoni tad-direttur konvenut;

"**Dwar is-seba' eccezzjoni, u cioe' li fi kwalunkwe kaz, l-Artikolu 286 tal-Kodici Civili mhux applikabbli *stante* li omm it-tarbija naqset milli tmur ir-registru publiku fi zmien 5 ijiem.**

[5] Esebiti a fol 65 – 74 tal-process

[6] Ara a fol 63 tal-process

[7] Ara a fol 85 tal-process

[8] Ara a fol 85 tal-process

[9] Ara a fol 22 tal-process

[10] Ara l-verbal tas-seduta esebit a fol 39 tal-process

"Il-Qorti taghmel referenza ghal dak citat aktar 'il fuq u ssostni li d-direttur kien prekluz milli jirregistra tali twelid tat-tarbija Muna u ghalhekk, anke li kieku l-attrici ghamlet xi tentattiv sabiex tirregistra it-tarbija fiz-zmien preskritt mill-ligi, dan ma kien ikun ta' l-ebda siewi ghall-istess attrici izda ghall-finijiet ta' din l-eccezzjoni, il-Qorti taghmel referenza ghax-xiehda ta' Mario Ellul, *manager* fis-sezzjoni tan-notifiki fi hdan ir-Registru Pubbliku fejn jiddikjara li minkejja li l-kaptan ta' vapur li fuqu jkun hemm wild ta' tarbija "***irid jaghmel notifika ta' x'gara fuq il-vapur..jaghmilha b'registrazzjoni ghandna*** [u cioe' r-Registru Pubbliku] ***fi zmien hamest ijiem***"[11] u jikkonferma li fil-kaz in ezami "***ma sar xejn***". Ghalhekk, il-Qorti qieghda tilqa' din is-seba' eccezzjoni tad-direttur konvenut;

"**Dwar it-tmien eccezzjoni, u cioe' li mhux minnu li t-twelid ta' Muna ma jistax jigi registrat f'pajjiz iehor ghax jista jigi registrat fis-Somalja, fil-Libya jew fil-pajjiz ta' registrazzjoni tal-bastiment fejn twieldet.**

"Illi il-Qorti taghmel referenza ghax-xiehda tal-Monsinjur Philip Calleja[12] fejn jaghti informazzjoni dwar il-mertu tal-kaz u l-fatti kif graw. Ix-xhud jispjega li l-attrici Hatra Chama tinsab fi Franza peress li giet accettata hemmhekk. Il-Qorti tinnota wkoll li fil-linea ta' domandi maghmula lix-xhud, issir referenza ghas-Somalja u cioe' l-pajjiz tal-omm fejn skond ix-xhud "***m'hemmx Gvern u difficli tikkomunika biex tirregistra***" (liema fatt huwa kkontestat mill-avukat difensur tad-direttur konvenut) u b'referenza ghal-Libja jghid li "***minn fejn telqet illi l-Libja, bhala Libja mhux accettat li jirregistrawhom kazi bhal dawn***"[13]. Il-Qorti tirrileva li filwaqt li waqt ix-xiehda tal-Monsinjur issir enfasi kbira fuq in-nuqqas ta' stabbilita' gewwa s-Somalja, meta x-xhud jigi mistoqsi jekk intalabx li ssir tali registrazzjoni gewwa Franza (u cioe' l-pajjiz fejn prezentement jinsabu l-attrici u t-tarbija Muna), ix-xhud jghid li "***le ma tlabtx***"[14], kif wara kollox jikkonferma li fl-ebda pajjiz iehor (ad eccezzjoni ta' Malta) ma talab li jirregistra tali twelid;

"Illi ix-xhud jispjega b'mod konkret l-aspett uman tal-kaz odjern u il-Qorti tissimpatizza ferm mal-aspett uman tal-kaz li ghandha quddiemha pero' il-Qorti tirrileva li l-kaz odjern ma jinkwadrax ruhu fil-kamp kostituzzjonali izda jdur fuq punt krucjali wiehed biss, u cioe' jekk id-direttur konvenut ghandux l-obbligu li jirregistra tali twelid. Fil-fatt, meta x-xhud jispjega li "***l-ligi qieghda ghall-bniedem, mhux il-bniedem qieghed ghal-ligi, imma meta l-ligi ma tghinx lill-bniedem, trid tara kif ser taghmel il-ligi u tirrangaha***", din il-Qorti tifhem li l-istess xhud qieghed jirrikonoxxi li l-ligi torbot idejn lid-Direttur

[11] Ara a fol 63 tal-process

[12] Ara a fol 41 tal-process

[13] Ara a fol 45 tal-process

[14] Ara a fol 50 tal-process

konvenut f'tali cirkustanzi. Jekk wiehed jaqbilx jew le ma' tali cirkustanzi jew obbligi, hija kwistjoni ohra izda il-Qorti ghandha l-obbligu li tapplika l-ligi kif inhi, *stante* li l-kawza odjerna ma gietx intavolata sabiex tigi attakkata xi ligi partikolari bhala wahda anti-kostituzzjonali jew li tmur kontra d-drittijiet tal-bniedem.

"Ikkunsidrat :

"Illi il-Qorti tirrileva li minkejja li l-attrici tikkontendi li jissussistu aspetti relatati mad-drittijiet fundamentali tat-tarbija, specjalment ghal dak li jirrigwarda certifikat tat-twelid, informazzjoni bazika dwar il-genituri taghha u nazzjonalita, il-Qorti m'hijiex konvinta li d-drittijiet tat-tarbija ser jigu lezi f'kaz li il-Qorti tichad it-talbiet attrici, u dan ghaliex ir-registrazzjoni tat-trabi ma tistax issir (u qatt ma kienet intenzjonata li ssir) fl-aktar pajjiz li jkun komdu jew skond l-esigenzi tal-genituri tat-tarbija, izda ghandu jsir skond il-principji u l-ligijiet tal-pajjiz jew it-territorju fejn twieldet it-tarbija. Huwa minnu li baqa' mhux maghruf il-post tar-registrazzjoni tal-bastiment li fuqu twieldet it-tarbija, izda mill-ewwel maghruf kien li tali bastiment kien fit-territorju ta' Lampedusa, u konsegwentement, l-argument tal-attrici li mhux maghruf it-territorju fejn twieldet din it-tarbija mhux korrett u ma jregix. Jirrizulta ghalhekk li l-uniku ness li ghandha Malta ma' din it- tarbija huwa n-ness ta' protezzjoni li inghatat l-attrici ommha meta ingabu Malta. Il-Qorti m'hijiex konvinta li t-tarbija ser tigi pregudikata abbazi tal-fatt li ser tkun *stateless* u invizibbli kif tipprova targumenta l-istess attrici, u dan ghaliex fl-ewwel lok, hemm identifikazzjoni bizzejjed tat-tarbija li wasslet lill Franza biex taccetta l-istess attrici u t-tarbija taghha, filwaqt li din tal-ahhar inghatat *laissez-passer* mill-awtoritajiet Francizi. *Di piu'* il-Qorti hija sprovvista b'mod totali mill-verzjoni tal-istess attrici illi lanqas biss giet tixhed u tghid il-verzjoni taghha dwar il-fatti u fuq kollox, peress illi ma ngabet ebda prova dwar x'sar mill-istess attrici fi Franza u jekk it-tarbija taghha gietx registrata jew le. Apparti minn hekk, id-dritt tat-tarbija li tkun registrata m'ghandux jigi interpretat b'tali mod li allura, kwalunkwe pajjiz (anke jekk m'hemm ebda konnessjoni mat-tarbija permezz ta' lok tat-twelid jew in-nazzjonalita' tal-genituri), jkun obbligat li jirregistra tali twelid.

"Ikkunsidrat :

"Illi il-Qorti tifhem li t-tarbija Muna ghandha d-dritt li tigi registrata u li jkollha nazzjonalita' (u dan *ai termini* tad-Drittijiet tal-Bniedem hekk kif citati mill-attrici) u tifhem ukoll illi d-drittijiet umani ghandhom jigu rispettati, allavolja din il-Qorti mhijiex ta' kompetenza kostituzzjonali, *stante* li ghandha d-dover u l-obbligu li l-ebda sentenza li taghti m'ghandha tivvjola d-drittijiet tal-bniedejm b'mod sfaccat, izda tali drittijiet (fosthom dak li tarbija ghandha d-dritt li tigi registrata mill-ewwel), ma jistghux jinghataw minn pajjiz li m'ghandu ebda ness mal-istess tarbija. *Se mai*, kien nuqqas tal-istess attrici li ma talbitx ir-registrazzjoni tat-tarbija taghha fl-Italja (*stante* li hemm evidenza bizzejjed li turi li d-dghajsa li fuqha twieldet it-tarbija kienet

> f'Lampedusa) u kien dan in-nuqqas li gab mieghu il-konsegwenza diretta li t-tarbija ma gietx registrata.
>
> "Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-principji ta' 'Lex necessitatis est lex temporis,' hekk kif gie sottomess quddiem il-Qorti mill-attrici izda fil-kaz odjern il-Qorti mhix konvinta li dan huwa kaz gejn ghandu jigi invokat il-principju ta' necessita, billi *se mai* il-forum li kellha taghzel l-attrici sabiex tistitwixxi il-kawza taghha, jekk mhux is-Somalja minhabba l-qaghda tal-pajjiz, allura kellu jkun l-Italia a bazi tal-principju li meta welldet kienet fl-ibhra territorjali Taljani, jew l-attrici kellha tirrikori ghand l-awtoritajiet Francizi sabiex jirregistraw lill bintha hemm, u tinvoka l-principju tal-jus neccessitatis quddiem dak il-forum. Ghalhekk il-Qorti qeghda tilqa' ukoll it-tmien eccezzjoni tal-konvenut.
>
> "Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-istess u filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut *stante* li din giet irtirata, tichad it-tieni eccezzjoni u tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tad-direttur konvenut; Bl-ispejjez kontra l-attur nomine".

L-attur nomine allura appella minn din is-sentenza u qed jitlob li din il-Qorti tilqa' t-talba tieghu. Il-konvenut appellat qed jitlob li s-sentenza msemmija tigi ikkonfermata u allura l-appell michud.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Gunju 2016 li permezz tieghu l-appell thalla ghas-sentenza ghat-30 ta' Settembru 2016 wara d-debita trattazzjoni;

**Ikkonsidrat;**

**AGGRAVJI**

L-aggravji principali mressqa mill-attur nomine appellanti jistghu jinghadu li huma s-segwenti:

"Illi l-ewwel aggravju tal-appellant nomine jirrigwarda l-akkoljiment tat-tielet eccezzjoni, dwar nuqqas ta' prova xjentifika li Hatra Chama hija tassew omm il-minuri Muna.

"It-tieni aggravju ta' l-esponent jirrigwarda l-akkoljiment tar-raba' eccezzjoni, cioe` li r-registrazzjoni tat-twelid tat-tarbija Muna ma tistax issir minhabba Artikolu 239 tal-Kap 16.

"It-tielet aggravju ta' l-esponent jirrigwarda l-akkoljiment tal-hames eccezzjoni u cioe` li l-Artikolu 286 irid jinqara mal-Artikolu 285 tal-Kap 16.

"Ir-raba' aggravju ta' l-esponent nomine jirrigwarda l-akkoljiment tas-sitt eccezzjoni li ghaliha qieghed ssir riferenza.

"Il-hames aggravju ta' l-appellant nomine jirrigwarda l-akkoljiment tas-seba' eccezzjoni bbazata fuq il-fatt li omm it-tarbija naqset li tmur fir-registru pubbliku ta' Malta fi zmien ta' hamest' ijiem.

"Is-sitt aggravju jirrigwarda l-akkoljiment tat-tmien eccezzjoni li tirrigwarda registrazzjoni f'xi pajjiz".

Illi f'dan l-appell, din il-Qorti jidhrilha li ghandha qabel xejn tiehu konjizzjoni ta' emenda fil-Kodici Civili li dahlet in vigore permezz tal-Att numru XII tal-2015 u allura wara l-pronunzjament tas-sentenza appellata. Dan gab mieghu l-introduzzjoni ta' Artikolu gdid (285A) li jghid hekk:

"285A.(1) Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jista', għal raġunijiet umanitarji biss, jirreġistra t-twelid ta' trabi li jkunu twieldu fuq il-baħar fuq bastiment li ma jkun reġistrat f'ebda post u dan jekk kemm-il darba jirriżulta li l-gżejjer Maltin kienu l-ewwel port fejn ikun żbarka dak il-bastiment minnufih wara t-twelid ta' dik it-tarbija.

"(2) Id-Direttur għandu jipproċedi b'dik ir-reġistrazzjoni jekk ikun sodisfatt, permezz ta' verifiki xjentifiċi, ta' aċċertamenti ta' koordinati ġeografiċi u kull verifika jew aċċertament ieħor li d-Direttur jikkunsidra li hu xieraq, li t-tarbija tassew twieldet fuq il-baħar fuq bastiment li ma jkun reġistrat taħt l-ebda ġurisdizzjoni. F'dawn il-każijiet, il-lok tat-twelid tat-tarbija għandu jitniżżel li kien fuq il-baħar.

"(3) Ir-reġistrazzjoni magħmula taħt dan l-artikolu bl-ebda mod ma għandha tolqot jew tippreġudika d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija".

Il-Qorti jidhrilha li ghandha taghmel dan a bazi tar-regola tal-*jus superveniens*, u kwindi *l-azzjoni illi qabel tkun difettuza tigi imsahha. Il-fondament ta' dan huwa precizament l-ekonomija tal-gudizzju u tal-ispejjez.* **(Vella v. Dr Galea – Vol XXXIII-i- 254)**. Ara wkoll fir-rigward is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) **Paul Azzopardi v. Maria Lourdes Sciberras – 12-2-1996** u tal-Qorti tal-Kummerc **David Clarke nomine v. Dr Marco Griscti nomine** kif ukoll **Isabelle Mercieca v. Josephine Cassar** (Appell, 6 ta' Frar 2015).

Huwa minnu li l-bastiment li bih it-tarbija msemmija fis-sentenza dahlet f'Malta ma kienx l-istess wiehed li fuqu twieldet ghaliex evidentement giet salvata hajjitha permezz tat-trasferiment taghha ghal fuq il-bastiment li wasal Malta izda huwa evidenti ghall-Qorti li l-iskop wara l-introduzzjoni tal-Artikolu 285A kien appuntu biex jipprovdi ghal kazijiet bhal dak odjern. F'dan il-kaz infatti gara incident mhux tas-soltu ghaliex it-tarbija kellha tigi necessarjament trasferita ghal fuq bastiment iehor ghaliex dak li kienet fuqu kien se jispicca hazin u kien hemm periklu serju ghal hajjitha u hajjet ommha. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-mens legis tal-emenda msemmija ma kienx li kaz bhal dan ma jkunx kopert anzi l-kuntrarju.

Ghalkemm il-bastiment li fuqu twieldet it-tarbija ma kienx l-istess bastiment li dahal fil-port Malta, il-bastiment li dahal Malta ghandu fic-

cirkostanzi specjali ta' dan il-kaz jitqies estensjoni tal-bastiment li fuqu twieldet it-tarbija u dan tenut kont tal-fatt li t-tarbija u ommha gew imgieghla b'forza magguri jittrasferixxu ruhhom fuq il-bastiment li eventwalment dahal Malta ghal ragunijiet impellenti sabiex tigi salvata hajjithom. Ghalhekk, it-tarbija ghandha titqies daqs li kieku twieldet fuq il-bastiment li dahal Malta u l-artikolu hu applikabbli ghas-sitwazzjoni taghha. Il-Qorti hija wkoll sodisfatta li jezistu r-ragunijiet umanitarji kif jipprovdi l-istess artikolu biex tista' tilqa' t-talbiet attrici.

Fir-rigward tal-ispejjez tal-ewwel istanza pero` din il-Qorti ma jidhriliex li ghandha tordna varjazzjoni ghaliex anke l-bzonn tal-introduzzjoni tal-istess Artikolu 285A jindika kjarament li d-decizjoni pronunzjata mill-ewwel Qorti kienet korretta; ghar-rigward tal-ispejjez tal-Appell fic-cirkostanzi jkun gust li jkunu bla taxxa bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imsemmija u minhabba li kien intervent legislattiv fil-mori tal-appell li wassal lil din il-Qorti tasal ghad-decizjoni taghha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata fejn laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenut u cahdet it-talba attrici u minflok tilqaghha u tawtorizza u tordna lill-konvenut jaghmel ir-registrazzjoni mitluba – izda

tikkonfermaha fejn cahdet it-tieni eccezjoni tal-konvenut u fir-rigward tal-kap tal-ispejjez; l-ispejjez tal-appell ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb